

DEĊIŻONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2019/354

tal-4 ta' Marzu 2019

li temenda d-Deċiżjoni 2014/119/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-5 ta' Marzu 2014 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/119/PESK ⁽¹⁾.
- (2) Abbażi ta' rieżami tad-Deċiżjoni 2014/119/PESK, jenħtieġ li l-applikazzjoni tal-miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi tiġi estiża sas-6 ta' Marzu 2020, l-entrata għal persuna waħda jenħtieġ li titħassar u l-Anness jenħtieġ li jkun supplimentat b'informazzjoni dwar id-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva.
- (3) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2014/119/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2014/119/PESK hija emendata kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 5, it-tieni paragrafu jinbidel b'dan li ġej:
"Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sas-6 ta' Marzu 2020.";
- (2) l-Anness huwa emendat kif stabbilit fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Marzu 2019.

Għall-Kunsill

Il-President

A. ANTON

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/119/PESK tal-5 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 66, 6.3.2014, p. 26).

ANNEX

L-Anness għad-Deċiżjoni 2014/119/PESK huwa emendat kif ġej:

(1) it-taqsimha "Lista ta' persuni, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 1" hija emendata kif ġej:

(a) l-intestatura tinbidel b'dan li ġej:

"A. Lista ta' persuni, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 1";

(b) l-entrata għall-persuna li ġejja hija mħassra mil-lista:

5. Andrii Petrovych Kliuiev.

(2) it-taqsimha li ġejja hija miżjuda:

"B. Drittijiet tad-difiża u dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva

Id-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva taħt il-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali tal-Ukrajna

L-Artikolu 42 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali tal-Ukrajna ('Kodiċi ta' Proċedura Kriminali') jipprevedi li kull persuna li tkun suspettata jew mixlija fi proċedimenti kriminali tgawdi d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva. Dawn jinkludu: id-dritt li wieħed ikun infurmat bir-reat kriminali li jkun ġie ssuspettat jew akkużat bih; id-dritt li jkun infurmat, espressament u fil-pront, bid-drittijiet tiegħu skont il-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali; id-dritt li jkollu, meta jkun talab mill-ewwel darba, aċċess għal avukat tad-difiża; id-dritt li jippreżenta petizzjonijiet għal azzjonijiet proċedurali; u d-dritt li jikkontesta d-deċiżjonijiet, l-azzjonijiet u l-ommissjonijiet mill-investigatur, il-prosekutur pubbliku u l-imhalef inkwirenti. L-Artikolu 306 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali jipprevedi li lmenti kontra deċiżjonijiet, atti jew omissjonijiet tal-investigatur jew il-prosekutur pubbliku għandhom jiġu kkunsidrati minn imhalef inkwirenti ta' Qorti lokali fil-preżenza tarrikorrenti jew l-avukat tad-difiża jew ir-rappreżentant legali tiegħu. Barra minn hekk, l-Artikolu 309 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali jispeċifika d-deċiżjonijiet tal-imhalef inkwirenti li jistgħu jiġu kkontestati b'appell, u li deċiżjonijiet oħra jistgħu jkunu soġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju fil-kuntest ta' proċeduri preparatorji fil-Qorti. Barra minn hekk, għadd ta' azzjonijiet investigattivi proċedurali huma possibbli biss soġġett għal deċiżjoni mill-imhalef inkwirenti jew Qorti (pereżempju s-sekwestru ta' proprjetà skont l-Artikolu 164, u l-miżuri ta' detenzjoni skont l-Artikolu 176 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali).

Applikazzjoni tad-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ta' kull wieħed mill-persuni elenkati

1. Viktor Fedorovych Yanukovych

L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tas-Sur Yanukovych ġew irrispettati fil-proċedimenti kriminali li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan huwa muri b'mod partikolari f'għadd ta' deċiżjonijiet tal-Qorti dwar is-sekwestru ta' proprjetà u f'deċiżjoni tal-Qorti tal-1 ta' Novembru 2018 li tagħti permess għall-arrest u t-tahrík u t-tressiq ta' suspettati l-Qorti, kif ukoll minn deċiżjoni tal-imhalef inkwirenti tat-8 ta' Ottubru 2018 li rrifjuta l-applikazzjoni tal-prosekutur għal investigazzjoni speċjali qabel il-proċess *in absentia*.

2. Vitalli Yuriyovych Zakharchenko

L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tas-Sur Zakharchenko ġew rispettati fil-proċedimenti kriminali li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan huwa muri b'mod partikolari fid-deċiżjonijiet tal-imhalef inkwirenti tal-21 ta' Mejju 2018 u tat-23 ta' Novembru 2018 li jagħtu permess sabiex is-Sur Zakharchenko jinżamm bl-għan li jitressaq il-Qorti biex jipparteċipa fis-seduta ta' smigħ tal-petizzjoni għall-applikazzjoni ta' detenzjoni f'kustodja.

3. Viktor Pavlovych Pshonka

L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tas-Sur Pshonka ġew rispettati fil-proċedimenti kriminali li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan huwa muri b'mod partikolari mid-deċiżjonijiet tal-imhalef inkwirenti tat-12 ta' Marzu 2018 u tat-13 ta' Awwissu 2018 li jagħtu permess sabiex is-Sur Pshonka jinżamm bl-għan li jitressaq il-Qorti biex jipparteċipa fis-seduta ta' smigħ tal-petizzjoni għall-applikazzjoni ta' detenzjoni f'kustodja.

6. Viktor Ivanovych Ratushniak

L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tas-Sur Ratushniak ġew rispettati fil-proċedimenti kriminali li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan huwa muri b'mod partikolari fid-deċiżjonijiet tal-imhalled inkwirenti tal-21 ta' Mejju 2018 u tat-23 ta' Novembru 2018 li jagħtu permess sabiex is-Sur Ratushniak jinżamm bl-għan li jitressaq il-Qorti biex jipparteċipa fis-seduta ta' smigħ tal-petizzjoni għall-applikazzjoni ta' detenzjoni f'kustodja.

7. Oleksandr Viktorovych Yanukovych

L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tas-Sur Yanukovych ġew rispettati fil-proċedimenti kriminali li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan huwa muri b'mod partikolari fid-deċiżjoni tal-imhalled inkwirenti tas-7 ta' Frar 2018 li rrifjuta l-applikazzjoni tal-prosekutur għal investigazzjoni speċjali qabel il-proċess *in absentia*, f'għadd ta' deċiżjonijiet tal-Qorti dwar is-sekwestru ta' proprjetà u fid-deċiżjoni tal-imhalled inkwirenti tas-27 ta' Ġunju 2018 li tħassar ir-riżoluzzjoni tal-prosekuzzjoni li tiċħad il-mozzjoni tad-difiża sabiex tingħalaq l-investigazzjoni.

9. Artem Viktorovych Pshonka

L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tas-Sur Pshonka ġew rispettati fil-proċedimenti kriminali li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan huwa muri b'mod partikolari fid-deċiżjonijiet tal-imhalled inkwirenti tat-12 ta' Marzu 2018 u tat-13 ta' Awwissu 2018 li jagħtu permess sabiex is-Sur Pshonka jinżamm bl-għan li jitressaq il-Qorti biex jipparteċipa fis-seduta ta' smigħ tal-petizzjoni għall-applikazzjoni ta' detenzjoni f'kustodja.

11. Mykola Yanovych Azarov

L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tas-Sur Azarov ġew rispettati fil-proċedimenti kriminali li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan huwa muri b'mod partikolari fid-deċiżjoni tal-imhalled inkwirenti tat-8 ta' Settembru 2018 li tagħti permess għal investigazzjoni speċjali *in absentia* kif ukoll id-deċiżjoni tal-imhalled inkwirenti tas-16 ta' Awwissu 2018 li tagħti permess sabiex is-Sur Azarov jinżamm bil-ħsieb li jitressaq il-qorti biex jipparteċipa fis-seduta ta' smigħ tal-petizzjoni għall-applikazzjoni ta' detenzjoni f'kustodja, kif ukoll minn għadd ta' deċiżjonijiet tal-Qorti dwar sekwestri ta' proprjetà.

12. Serhiy Vitalyovych Kurchenko

L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tas-Sur Kurchenko ġew rispettati fil-proċedimenti kriminali li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan huwa muri b'mod partikolari fid-deċiżjoni tal-imhalled inkwirenti tas-7 ta' Marzu 2018 li tagħti permess biex issir investigazzjoni speċjali *in absentia*.

13. Dmytro Volodymyrovych Tabachnyk

L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tas-Sur Tabachnyk ġew rispettati fil-proċedimenti kriminali li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan huwa muri b'mod partikolari fid-deċiżjoni tal-imhalled inkwirenti tat-8 ta' Mejju 2018 li tagħti permess sabiex is-Sur Tabachnyk jinżamm bl-għan li jitressaq il-Qorti biex jipparteċipa fis-seduta ta' smigħ tal-petizzjoni għall-applikazzjoni ta' detenzjoni f'kustodja.

15. Serhiy Hennadiyovych Arbutov

L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tas-Sur Arbutov ġew rispettati fil-proċedimenti kriminali li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan huwa muri b'mod partikolari f'għadd ta' deċiżjonijiet tal-Qorti dwar sekwestri ta' proprjetà kif ukoll l-annullament ta' sekwestri tal-proprjetà.

17. Oleksandr Viktorovych Klymenko

L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tas-Sur Klymenko ġew rispettati fil-proċedimenti kriminali li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan huwa muri b'mod partikolari fid-deċiżjoni tal-imhalled inkwirenti tal-5 ta' Ottubru 2018 li tagħti permess biex issir investigazzjoni speċjali *in absentia*.

18. Edward Stavytskyi

L-informazzjoni fil-fajl tal-Kunsill turi li d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tas-Sur Stavytskyi ġew rispettati fil-proċedimenti kriminali li bbaża ruħu fuqhom il-Kunsill. Dan huwa muri permezz ta' għadd ta' deċiżjonijiet tal-Qorti dwar is-sekwestru ta' proprjetà, id-deċiżjoni tal-imħallef inkwirenti tat-22 ta' Novembru 2017 li tagħti permess biex issir investigazzjoni speċjali *in absentia*, mill-istruzzjonijiet tal-prosekutur tat-2 ta' Jannar 2018 lill-investigatur biex jinnotifika lis-suspettati u l-avukati tad-difiża tagħhom bit-tlestija tal-investigazzjoni ta' qabel il-proċess u mill-fatt li fit-8 ta' Mejju 2018 l-akkuża ġiet riferuta lill-Qorti Distrettwali Sviatoshynskyi ta' Kiev għal eżami fuq il-merti. L-informazzjoni turi wkoll li ma kien hemm ebda deċiżjoni valida preċedenti mill-prosekuzzjoni biex ma tibdiex investigazzjoni kriminali, u li għaldaqstant il-proċedimenti kriminali rilevanti ma kiserx il-prinċipju ta' *ne bis in idem*.”
